BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **12/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **10 t'April 2013**

**Diċembru 2012**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Diċembru 2012.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'€193.0 miljun, jew b'1.9%, f'Diċembru, għal €10.5 biljun (ara Tabella 1). Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 8.7% f'Diċembru, minn 7.4% ix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda xahar fuq xahar fl-M3 seħħet kważi kompletament minħabba żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'€191.2 miljun, jew b'1.9%. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 telgħet għal 9.0% minn 7.5% ix-xahar ta' qabel. It-titoli negozjabbli, li jistabbilixxu d-differenza bejn l-M2 u l-M3, żdiedu marġinalment, u pattew għat-tnaqqis li kien esperjenzat fix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda fl-M2 f'Diċembru seħħet primarjament minħabba tkabbir fil-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber b'€98.7 miljun, jew b'1.7%. Id-depożiti *overnight* ikkontribwew b'mod sinifikanti għat-tkabbir fl-M1, hekk kif żdiedu b'€86.0 miljun, jew b'1.7%, minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn individwi u minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Il-flus maħruġa żdiedu bi €12.7 miljun, jew b'1.8%, matul ix-xahar. Kollox ma' kollox, il-komponent M1 żdied b'10.7% imqabbel ma' sena qabel.

Fost il-komponenti l-oħra tal-M2, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas żdiedu b'€90.3 miljun, jew bi 2.2%, u dan irrifletta bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Bl-istess mod, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, żdiedu bi €2.2 miljun, jew b'1.5%, minħabba żieda fid-depożiti miżmuma minn individwi.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'€166.5 miljun, jew b'1.1%, f'Diċembru. Il-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali, kif ukoll lil residenti oħra, naqas matul ix-xahar. Għaldaqstant, il-kreditu naqas b'rata annwali aktar mgħaġġla ta' 3.0%, wara tnaqqis ta' 1.9% fis-sena sa Novembru.

It-tnaqqis fix-xahar ta' €130.0 miljun, jew ta' 3.5%, fil-kreditu lill-gvern ġenerali seħħ minħabba tnaqqis fl-ammont ta' titoli tal-Gvern ta' Malta u ta' gvernijiet oħra fiż-żona tal-euro, miżmuma minn IFM. Sadattant, il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€36.4 miljun, jew b'0.3%, minħabba tnaqqis sinifikanti fis-self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji, li patta għaż-żieda fis-self mogħti lill-individwi. Fuq bażi sena fuq sena, il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€1.0 biljun, jew bi 22.8%, filwaqt li l-kreditu lil setturi oħra tal-ekonomija taż-żona tal-euro żdied b'€571.1 miljun, jew b'5.0%.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'€464.3 miljun, jew b'4.8%, f'Diċembru. Dan irrifletta tnaqqis sinifikanti fl-obbligazzjonijiet barranin li għeleb tnaqqis iżgħar fl-obbligazzjonijiet. It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ minħabba tnaqqis fid-depożiti ta' klijenti residenti barra ż-żona tal-euro miżmuma ma' banek Maltin. It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet irrifletta tnaqqis fid-depożiti ta' banek Maltin miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, kibret b'€104.9 miljun, jew b'0.7%, f'Diċembru, kaġun ta' żieda fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Dawn tal-aħħar huma influwenzati sew minn transazzjonijiet bejn banek taż-żona tal-euro. B'kuntrarju għal dan, l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali naqsu b'€165.0 miljun, jew b'24.7% hekk kif il-Gvern irtira ammont sostanzjali ta' depożiti miżmuma mal-Bank Ċentrali ta' Malta. L-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal, jiġifieri l-kumplament tal-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', naqsu wkoll matul ix-xahar minħabba tnaqqis fir-riżervi tal-IFM.

### Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self

F'Diċembru, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'€87.0 miljun, jew b'1.0% (ara Tabella 2). Peress li din iż-żieda kienet inqas minn dik irreġistrata tnax-il xahar qabel, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 6.5% minn 6.9% f'Novembru (ara Grafika 1).

Iż-żieda seħħet minħabba l-influssi f'assi likwidi. Id-depożiti *overnight* kibru b'€96.3 miljun, jew b'1.9%, kaġun ta' depożiti miżmuma minn individwi u minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas naqsu bi €11.5 miljun, jew b'0.3%, primarjament minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek, li patta għal żieda fid-depożiti tal-individwi.

Il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin naqas b'€118.7 miljun, jew b'1.1%, f'Diċembru, hekk kif naqas il-kreditu mogħti kemm lill-gvern ġenerali u kemm lil setturi oħra tal-ekonomija. B'riżultat ta' dan, ir-rata annwali tat-tkabbir tal-kreditu battiet iktar għal 0.8%, minn 2.1% f'Novembru (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€111.4 miljun, jew b'4.6%, u patta għaż-żieda rreġistrata fix-xahar ta' qabel. Dan seħħ minħabba tnaqqis fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor, u fuq livell ħafna inqas, tal-istokks tal-Gvern ta' Malta, miżmuma minn IFM. B'riżultat ta' dan, ir-rata annwali tat-tkabbir tal-kreditu lill-gvern ġenerali nbidlet f'waħda negattiva u naqset għal -2.8%, minn 0.8% f'Novembru.

Bl-istess mod, il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€7.3 miljun, jew b'0.1%, kaġun ta' tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji li joperaw f'numru ta' setturi, inklużi s-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut u s-settur tal-kostruzzjoni. Dawn pattew għal żieda fis-self mogħti lill-individwi għal xiri tad-djar. Minħabba f'hekk, ir-

rata annwali tat-tkabbir tal-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali battiet għal 1.8% f'Diċembru, minn 2.5% ix-xahar ta' qabel.

### Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti miżmuma minn IFM Maltin naqsu bi €22.6 miljun, jew b'0.2%, hekk kif tnaqqis sinifikanti fl-obbligazzjonijiet barranin għelbet tnaqqis fl-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2).[1] It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ primarjament minħabba tnaqqis fid-depożiti miżmuma ma' IFM barranin. Sadattant, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ minħabba tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn barranin flimkien ma' tnaqqis fis-self minn IFM barranin. Għaldaqstant, ir-rata annwali tat-tkabbir tal-assi barranin netti battiet għal 8.9% f'Diċembru minn 11.3% f'Novembru.

### Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Diċembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha ta' individwi u ta' kumpaniji mhux finanzjarji Maltin baqgħet l-istess għat-tielet xahar konsekuttiv, jiġifieri 1.42%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self ukoll baqgħet l-istess, jiġifieri 4.33%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi iktar, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet ħdax-il punt bażi inqas.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

---

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Għalhekk, din l-istatistika ma tkoprix is-setturi kollha tal-ekonomija.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Diċ-12 | Nov-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Diċ-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Diċ-12 | Nov-12 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,005.7** | **5,907.0** | **98.7** | **1.7** | **5,425.6** | **10.7** | **10.7** |
| Flus maħruġa[(4)] | 726.2 | 713.5 | 12.7 | 1.8 | 710.6 | 2.2 | 1.6 |
| Depożiti *overnight*[(5)] | 5,279.5 | 5,193.5 | 86.0 | 1.7 | 4,715.0 | 12.0 | 12.1 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,328.9** | **10,137.7** | **191.2** | **1.9** | **9,472.0** | **9.0** | **7.5** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,005.7 | 5,907.0 | 98.7 | 1.7 | 5,425.6 | 10.7 | 10.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 153.2 | 151.0 | 2.2 | 1.5 | 125.1 | 22.5 | 16.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,170.0 | 4,079.7 | 90.3 | 2.2 | 3,921.3 | 6.3 | 3.0 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,520.4** | **10,327.4** | **193.0** | **1.9** | **9,676.3** | **8.7** | **7.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,328.9 | 10,137.7 | 191.2 | 1.9 | 9,472.0 | 9.0 | 7.5 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 191.5 | 189.8 | 1.8 | 0.9 | 204.3 | -6.2 | 0.8 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,599.3** | **15,765.8** | **-166.5** | **-1.1** | **16,074.3** | **-3.0** | **-1.9** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,548.2 | 3,678.3 | -130.0 | -3.5 | 4,594.3 | -22.8 | -20.7 |
| Self lil setturi oħra | 12,051.1 | 12,087.5 | -36.4 | -0.3 | 11,480.0 | 5.0 | 5.7 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,159.8** | **9,695.5** | **464.3** | **4.8** | **7,840.0** | **29.6** | **24.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 32,561.1 | 33,279.5 | -718.5 | -2.2 | 29,300.0 | 11.1 | 13.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,401.2 | 23,584.1 | -1,182.8 | -5.0 | 21,460.0 | 4.4 | 9.6 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **15,238.7** | **15,133.8** | **104.9** | **0.7** | **14,238.0** | **7.0** | **6.3** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 503.9 | 668.9 | -165.0 | -24.7 | 725.2 | -30.5 | -18.4 |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,676.9 | 12,732.1 | -55.2 | -0.4 | 11,968.7 | 5.9 | 8.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,058.0 | 1,732.8 | 325.1 | 18.8 | 1,544.1 | 33.3 | 3.1 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Diċ-12 | Nov-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Diċ-11 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Diċ-12 | Nov-12 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,951.5** | **8,864.5** | **87.0** | **1.0** | **8,406.4** | **6.5** | **6.9** |
| Depożiti *overnight* | 5,110.0 | 5,013.7 | 96.3 | 1.9 | 4,590.9 | 11.3 | 11.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 151.7 | 149.5 | 2.2 | 1.5 | 122.5 | 23.8 | 17.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,689.8 | 3,701.3 | -11.5 | -0.3 | 3,693.1 | -0.1 | 0.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,988.6** | **11,107.3** | **-118.7** | **-1.1** | **10,903.9** | **0.8** | **2.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,287.1 | 2,398.5 | -111.4 | -4.6 | 2,353.4 | -2.8 | 0.8 |
| Self lil setturi oħra | 8,701.5 | 8,708.8 | -7.3 | -0.1 | 8,550.5 | 1.8 | 2.5 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,361.1** | **12,383.7** | **-22.6** | **-0.2** | **11,350.4** | **8.9** | **11.3** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 43,098.6 | 44,177.1 | -1,078.5 | -2.4 | 41,345.8 | 4.2 | 6.1 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,737.5 | 31,793.4 | -1,055.9 | -3.3 | 29,995.4 | 2.5 | 4.2 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**TKABBIR F'DEPOŻITI MAGĦŻULA TA' RESIDENTI MALTIN INKLUŻI FL-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**KREDITU LIR-RESIDENTI MALTIN**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.